**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 205/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Khalleefah Ahmed Alhaaj Aljeel Aljamie**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Khallefah Ahmed Alhaaj Aljeel Aljamie, detentur tal-karta tal-permess tar-residenza numru 0157927A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-7 ta' Mejju 2023, għal ħabta ta' bejn it-tmienja (8:00pm) u l-għaxra (10:00pm) ta' filgħaxija ġewwa l-*Agenda Bookshop* fid-*Departures Hall* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja u/jew f'postijiet oħra fil-Gzejjer Maltin, ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-għamla Samsung għad-detriment ta' Yanika Cassar, liema *mobile phone* għandu valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-ħin. Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati b' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 49, Art. 50, Art. 261(c), 261(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 289, 382A u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), iddisponiet mill-kawza billi sabet lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundanatu għall-piena karċerarja ta' sena. Il-Qorti ħarġet ukoll ordni ta' trattament fil-konfront tal-ħati għal problemi psikoloġiċi/psikjatriċi ai termini tal-Art. 412D tal-Kap. 9 għall-perijodu ta' tlett snin skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. *Inoltre*, ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas lill-parti offiza, ċioe' lil Yanika Cassar (KI 519789M) is-somma ta' €659.01 entro tnax -il xahar mid-data tas-sentenza. Finalment il-Qorti ħarġet Ordni ta' Trazzin kontra l-ħati a favur il-parti offiża skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness.

Rat ir-rikors tal-appellant, Khalleefah Ahmed Alhaaj Aljeel Aljamie, ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma s-sentenza lilu erogata fid-19 ta' Mejju 2023, ossia s-sejbien ta' ħtija fuq ammissjoni, iżda tbiddilha u tvarjaha in kwantu piena billi takkordalu piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku aggravju ventilat mill-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta'sena priġunerija billi jqies illi din il-piena mhijiex siewja għalih in vista tal-problemi psikoloġiċi li għandu u hja wkoll eċċessiva fid-dawl tal- ammissjoni bikrija minnu reġistrata f'dawn il-proċeduri. Għalhekk huwa qed jitlob għall-piena aktar miti u idonea tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant hija waħda fil-parametri prospettati mill-Liġi, u kienet taħseb ukoll biex tindirizza l-problemi ta' natura psikoloġiċi li l-appellant jinsab mifni bihom. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tagħtix il-konsiderazzjoni mistħoqqa lix-xiehda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti u tas-sieħba tal-appellant, Angela Bonello, mogħtija quddiemHa nhar it-3 ta' Novembru 2023. Dawn ix-xhieda jikkonfermaw illi llum, l-appellant qabad it-triq it-tajba, attenda għall-appuntamenti kollha skedati mal-*Probation Officer* u l-kampjuni tal-urina tiegħu lkoll irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Jirriżulta ukoll li l-appellant għandu ħajja familjari stabbli mas-sieħba tiegħu Angela Bonello, tant li qed jippjanaw li jizzewġu u dalwaqt ser ikollhom wild flimkien. *In oltre*, l-appellant jidher li temm zewġ korsijiet b'suċċess, wieħed dwar *Food Handling*, u l-ieħor dwar *First Aid*, u qed ifittex impjieg, bl-għajnuna tal-*JobsPlus*. Illi minn daqqa t' għajn lejn il-fedina penali tiegħu, għalkemm din ma hijiex waħda nadifa, madanakollu jidher illi l-aħħar infrazzjoni tal-liġi tirrisali għas-sena 2019. In vista ta' dan kollu, filwaqt li dina l-Qorti tawgura li l-appellant jibqa' miexi fit-triq it-tajba, hekk kif qed jagħmel, hija tal-fehma li fid-dawl tar-rijabilitazzjoni tiegħu, jimmerita mitigazzjoni fil-piena erogata fil-konfront tiegħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjoni miġjuba kontrih; u**

**(ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn, ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9, ordnat lill-appellant jħallas lill-parti offiza, ċioe' lil Yanika Cassar (KI**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

519789M) is-somma ta' €659.01. It-terminu ta' tnax-il xahar konċess mill-Ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mil-lum; u

(iii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat li jinħareġ Ordni ta' Trazzin kontra l-appellant a favur il-parti offiza Yanika Cassar skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness mas-sentenza appellata; u

(iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fit-termini ta'l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-appellant; u

(v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundanat lill-appellant għall-piena karċerarja effettiva ta' sena u minflok tqiegħed lil ħati Khalleefah Ahmed Alhaj Aljeel Aljamie taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tlett snin, b'dan illi l-Uffiċjal tal-Probation għandu jara illi l-appellant jirċevi it-trattament u/jew il-kura għal problemi psikoloġiċi, kif ukoll dwar l-abbuż ta' droga li jista' talvolta jkun afflitt minnhom.

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa ma jobdiex l-Ordni impost fuqu permezz ta' din is-sentenza jew inkella jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet li jingħatawlu mill-Uffiċjal tal-Probation, kif ukoll b'dawk il-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta' dan l-Ordni.

Edwina Grima

Imħallef